**Emenda 8**
**Ewa Zajączkowska-Hernik**
f'isem il-Grupp ESN

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, Renew, Verts/ALE**
It-tisħiħ tal-appoġġ konsistenti tal-UE lill-Ukrajna kontra l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja u ż-żieda fil-kooperazzjoni militari bejn il-Korea ta' Fuq u r-Russja

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 4a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Jissottolinja r-rwol kruċjali tal-Polonja bħala mexxejja fl-appoġġ lill-Ukrajna mill-ewwel jiem tal-gwerra; ifakkar li l-Polonja kienet l-ewwel pajjiż li wassal ammonti sinifikanti ta' armi tqal lill-front Ukren; jinnota li l-Ajruport ta' Rzeszów-Jasionka kellu rwol ewlieni bħala ċentru loġistiku biex jibgħat għajnuna militari u umanitarja internazzjonali lill-Ukrajna, li ppermetta difiża effettiva kontra l-aggressur matul l-ewwel xhur kritiċi tal-gwerra; japprezza l-isforzi tremendi tas-soċjetà Pollakka, li laqgħet miljuni ta' rifuġjati, li wrew solidarjetà u appoġġ umanitarju fuq skala bla preċedent;*** |

Or. en

26.11.2024

B10-0191/2024 }
B10-0192/2024 }
B10-0193/2024 }
B10-0198/2024 }
B10-0200/2024 } RC1/Em. 9

**Emenda 9**
**Ewa Zajączkowska-Hernik**
f'isem il-Grupp ESN

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, Renew, Verts/ALE**
It-tisħiħ tal-appoġġ konsistenti tal-UE lill-Ukrajna kontra l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja u ż-żieda fil-kooperazzjoni militari bejn il-Korea ta' Fuq u r-Russja

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jistieden lill-President tar-Russja, Vladimir Putin, u lill-President tal-Ukrajna, Volodymyr Zelenskyy, jidħlu minnufih f'taħditiet ta' paċi biex itemmu l-kunflitt armat u t-tixrid tad-demm, bl-użu tal-mezzi diplomatiċi kollha disponibbli; jenfasizza li l-prijorità ta' dawn l-isforzi għandha tkun il-protezzjoni tal-ħajja tal-bniedem u l-kisba ta' ftehim ġust u dejjiemi li jiżgura l-istabbiltà u s-sigurtà fir-reġjun;*** |

Or. en

26.11.2024

B10-0191/2024 }
B10-0192/2024 }
B10-0193/2024 }
B10-0198/2024 }
B10-0200/2024 } RC1/Em. 10

**Emenda 10**
**Stanisław Tyszka**
f'isem il-Grupp ESN

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, Renew, Verts/ALE**
It-tisħiħ tal-appoġġ konsistenti tal-UE lill-Ukrajna kontra l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja u ż-żieda fil-kooperazzjoni militari bejn il-Korea ta' Fuq u r-Russja

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 11a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11a. Ifakkar fil-massakri tal-Pollakki f'Volhynia u fir-reġjun Małopolska tal-Lvant mill-1943 sal-1945, li twettqu minn membri tal-Armata Insurġenti tal-Ukrajna; jisħaq fuq l-obbligu tal-Ukrajna li tiskuża ruħha bis-sħiħ għall-atroċitajiet, tippermetti l-eżumazzjoni tal-vittmi kollha u tipprojbixxi l-venerazzjoni ta' personalitajiet storiċi responsabbli tal-massakri;*** |

Or. en